MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2008

Numru 22/2005

**Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)**

**versus**

**Sinclair Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Sinclair Mifsud ta’ 29 sena, iben Emanuel u Margaret nee’ Cachia imwieled fis-26 ta’ Settembru, 1975 u residenti l-Imdawra Limiti tan-Naxxar ID 464675 (M)

Akkuzat talli f’dawn il-Gżejjer nhar it-13 ta’ Novembru, 2004, għall-ħabta tas-6 ta’ filgħodu ġewwa l-istabbiliment Red Square ta’ Triq San Ġorġ San Ġiljan u kif ukoll fi Triq San Ġorg, San Ġiljan u fil-viċinanzi

1. Mingħajr il-ħsieb illi joqtol jew iqiegħed il-hajja fil-periklu ċar, ikkaguna ferita' ta' natura gravi fuq il-ġisem ta' Joseph Cassar skond kif ċertifikat mit-tabib Dr. Mark Gruppetta MD u dan bi skur ta' l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-għajjat u bil-ġlied u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta
3. U aktar talli sar riċediv b'sentenza tal-Qorti datata nhar il-15 ta' Frar 2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-fedina penali ta' l-imputat; iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu bin-numru 4646 tas-sena 1975; il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji; il-kunsens ta' l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji; l-istqarrija ta' l-imputat a fol 18 et; iċ-ċertifikat li jinsab a fol 28 ffirmat minn Dr. Margaret Testa (Reg 2827) u l-case summary li jidher a fol 19; il-kopja tas-sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Pulizija (Supretendent Nicholas Ciappara) vs Sinclair Mifsud' tal-15 ta' Frar 2001; il-case summary a fol 52 u 53; il-current incident report magħmul minn Joseph Cassar u dan sar fit-13 ta' Novembru 2004 fit-8.07am (fol 60 u 61).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Il-fatti skond kif rakkontati mill-Ispettur Martin Sammut kienu dawn:

Fit-13 ta' Novembru 2004 għall-ħabta tat-8.00am, PS 738 Cremona kien informa lill-ispettur li madwar is-6.00am kien rċeva telefonata ġewwa l-għassa ta' San Ġiljan fejn xi ħadd kien infurmah li kien hemm ġlieda fir-Red Square Bar li jinsab fi Triq San Ġorġ Paceville. Fit-triq kien hemm żgħażugħ li kien imweġġa'.

Is-surgent kien sab lil Joseph Cassar b'xi ġrieħi. Dan kien qal li kien ġo Red Square Bar jieħu drink meta f'daqqa waħda kien avviċinah persuna u beda jiċċalinġjah għall-ġlied. Hin minnhom wkoll tah xi daqtejn ta' ponn fuq wiċċu bla ma tah ebda spjegazzjoni u bla ma kien hemm raġuni.

L-agressur kien ttieħed mill-bouncers 'l barra mill-istabbiliment. Joseph Cassar kien ħareġ ukoll u meta kien fit-triq kien aggredit mill-istess agressur.

Joseph Cassar baqa' miexi wara l-agressur fid-direzzjoni tal-kumpless Bay Street u kien rah dieħel fl-Intercontinental Hotel.

Is-surgent kien sab li l-agressur kien certu Sinclair Mifsud li kien l-imputat. Kienet ssejħet ambulanza li ħadet lil Joseph Cassar l-isptar fejn kien eżaminat minn Dr. Mark Gruppetta. Dr. Mark Gruppetta qal li Joseph Cassar kien qed isofri minn ġrieħi gravi. Sinclair Mifsud kien għamel stqarrija.

<u>Stqarrija ta' l-imputat</u>

Fl-istqarrija tieghu Sinclair Mifsud qal illi huwa kien qed jiżfen fuq id-dance floor fir-Red Square għall-ħabta tas-6.00am. Kien waħdu għax sħabu kienu imferrxin. Ħin minnhom kien hemm individwu li kien mal-ħajt u li kien jidher li mhux f'sensieh għal kollox. Dan mar minn warajh u beda jogħrok idu ma sider l-imputat. L-imputat qabadlu idejh u qallu biex iħallieh.

Ftit tal-ħin wara qabadlu l-parti ta' wara ta' ġismu lill-imputat. Rega' waqqfu u imbgħad ftit wara l-istess bniedem qabadlu l-parti tiegħu lill-imputat (ara fol 15).

Hawn hekk reġa waqqfu mill-ewwel u l-imputat beda jinnervja u resaq minn fejn kien. L-agressur reġa mar warajh u rega qabadlu l-parti tiegħu għat-tieni darba. L-imputat kellmu sabiex jieqaf milli kien qed jagħmel. Iżda din il-persuna reġgħet qabditlu l-parti tiegħu lill-imputat għat-tielet darba.

L-imputat dak il-hin intilef u tah daqtejn ta' ponn ġo wiċċu. Is-securities ħarġu lill-imputat 'l barra u baqa' miexi lejn l-Intercontinental Hotel. Ħareġ ukoll l-agressur u hawn hekk l-imputat ralu d-demm ma wiċċu. Il-persuna li kienet ttantat lill-imputat reġa' beda miexi warajh u beda jċempel lil xi ħadd u l-imputat ħaseb li kien qed iċempel lill-pulizija. L-imputat hawn reġa mar fuqu u qallu sabiex iħallieh bi kwietu u ma jibqax isegwieh. Hawn hekk l-imputat imbotta lil din il-persuna ma' l-art waqt li hu baqa' sejjer lejn il-lukanda Intercontinental u ltaqa' mal-ħbieb tiegħu. Il-pulizija gew ftit wara u arrestawh. L-imputat qal li kien hemm xi nies li lilu bdew jgħidulu sabiex jieqaf. Meta kien mistoqsi fejn kien laqat lill-persuna meta ta daqqa ta' ponn fil-wiċċ, huwa qal 'ma nafx pero kien hemm demm sewwa.' Lil din il-persuna l-imputat qatt ma kien raha qabel u qal li jiddispjaċieh ta' dak li għamel u kif mexa u li ma kienx mod korrett (fol 17).

<u>Kontro eżami ta' l-ispettur Martin Sammut</u>

Id-difiża staqsiet jekk lil Joseph Cassar il-pulizija kinitx interrogatu. Ir-risposta kienet iva iżda dan kien nnega kollox. Dan kien qal li kien qed jiżfen, kien waħdu qed jieħu drink għall-kwiet meta f'daqqa wahda avviċinah Sinclair Mifsud u għal xejn b'xejn qabad u tah id-daqqiet. L-ispettur qal pero li meta bagħat għal Sinclair Mifsud, huwa qallu dak li jidher fl-istqarrija. Kien Joseph Cassar li ċempel lill-pulizija. L-ispettur kien staqsa wkoll lil dan Joseph Cassar jekk kienx omosesswali u għall-ewwel beda jinnega u imbgħad qallu li kellu tendenzi omosesswali. A fol 28 jidher illi kien hemm a bruised left upper lip kif wkoll LCW ta' 1.5 cm, 2cm lateral to the right eye; kien hemm bruise over zygoma u bruise nasal bone.

Is-Supretendent Nicholas Ciappara li kien hu li għamel il-prosekuzzjoni fil-kawża 'Pulizija vs Sinclair Mifsud' deċiża fil-15 ta' Frar 2001 u għaraf lill-imputat (fol 24).

<u>Xhieda ta' Joseph Cassar</u>

Il-vittma Joseph Cassar qal li kien jaħdem suldat fil-Forzi Armati. Kien hu li għamel rapport l-għassa fit-13 ta' Novembru 2004. Kien qed jieħu drink fir-Red Square li jinsab faċċata ta' l-Axis. F'daqqa waħda inqala' l-individwu li kien l-imputat u beda jaggredieh. Tah bil-ponn u bis-sieq u l-vittma ma għamilx reazzjoni għax ma felaħ jagħmel xejn. Imbgħad il-bouncers tefgħu lill-imputat 'l barra. Huwa qal li qatt ma kien ra lill-imputat qabel b'għajnejh (fol 28). Kellu dmija ma wiċċu, rah ħiereġ lejn Bay Street lill-imputat u ċempel lill-pulizija minn fuq il-mobile. Huwa qal illi l-imputat meta rah bil-mobile f'idu fferoċja iktar u beda jagħtih u kompla jagħtih bil-ponn u bis-sieq. Imbgħad l-imputat ħabat rasu maċ-ċint. Imbgħad giet l-ambulanza u ttiehed l-isptar. Huwa għamel l-isptar sat-Tnejn filgħodu jiġifieri mis-Sibt filgħodu sat-Tnejn filgħodu.

Huwa qal li hu kien għamel xi zmien boarder mas-Salezjani fis-St Patrick's. Sfortunatament hu għadda minn xi żmien fejn kien abbużat u ħajtu tħarbet. Ta' 14-il sena kien rrejpjawh l-iskola u anke l-ġenituri kienu keccewh 'l barra. Hu kien trabba ma mara bi tliet itfal.

Ix-xhud qal li hu kien beda jigi attirat mill-irħiel (fol 30) u peress li kien naqra soft, ma mara qatt ma kellu relazzjoni. Hu baqa' jinsisti illi lill-imputat qatt ma tah fastidju. Lix-xhud l-imputat kien kissru u kellu jagħmel operazzjoni fi mnieħru. U kellu jagħmel 16-il jum sick leave mix-xogħol.

Kien dan ix-xhud illi indika lis-surġent fejn kien daħal l-imputat.

Fil-kontro eżami qal li kellu ksur fi mnieħru u kien tkissirlu l-mobile. Huwa qal li kienu sarulu xi punti l-isptar fuq xuftejh. Ir-ritratt kien ħadu xi hadd li huwa armat ġewwa Strada Forni. Huwa ċaħad illi kien resaq fuq l-imputat. Hawn hekk il-Qorti staqsiet lix-xhud 'pero tiċħad li għamilt xi movimenti lejh?' U fakkritu li kien bil-ġurament. Ix-xhud qal li kien jiċħad. Baqa' jgħid li l-imputat kien tah fuq wiċċu u bis-sieq u sahansitra middu ma' l-art bid-daqqa li kien tah. Anke ma' l-art kompla jagħtih. Huwa kien ħareġ mill-post biex jara fejn kien sejjer u jieħu passi kontrieh.

Kienu sħab l-imputat li imbuttawh biex jitlaq minn hemm għax l-imputat kien reġa' aggredieh barra. Sa fol 38 dan ix-xhud kien baqa' jinsisiti illi l-imputat kien sawwtu ghal xejn. Għal iktar mistoqsijiet ix-xhud qal li kien jixrob birra u inbid u ma jiftakarx dak inhar jekk kienx xorob. Iżda imbgħad qal li kien jaħseb li kien xorob flixkun inbid. Huwa baqa' jgħid li ma kienx fis-sakra. Id-difiża insistiet bil-mistoqsija 'Kif kien iħossu wara li jixrob flixkun inbid?' U hawn il-Qorti ordnat lix-xhud biex jirrispondi. A fol 43 huwa qal 'Jiena fil-post kont, ir-Red Square. Hemm hekk inqala' l-inċident.' Għal iktar mistoqsijiet huwa beda jgħid li ma jiftakarx. Huwa qal ukoll li ma jiftakarx eżatt kemm kien xorob birra barra l-inbid. Huwa ċaħad li kien ra lil Sinclair Mifsud jiżfen (fol 55).

Hawn hekk id-difiza semmiet dak illi jidher fl-istqarrija ta' l-imputat illi ta' l-inqas kien mar ħames darbiet jagħmel avvanzi fuq l-imputat. Ix-xhud ċaħad (fol 46). Hawn hekk il-Qorti staqsiet lil dan ix-xhud 'Waqt li tiftakar dak li ġara fir-Red Square, tiftakar x'ġara qabel ma beda jagħtik l-imputat?' Ix-xhud wieġeb 'Qed jistaqsini kemm xrobt.' Hawn hekk il-Qorti qaltlu imma d-difiża staqsiet mistoqsijiet speċifiċi wkoll.

Imbgħad id-difiża staqsietu jekk hux omosesswali għal darba, tnejn, tlieta (fol 47). Id-difiża hawn hekk tablet lill-Maġistrat jinnota l-evazjoni totali tad-domandi li kien qed jagħmel ix-xhud waqt ir-risposti tiegħu. Meta imbgħad a fol 48 rega' staqsieh l-imputat 'Inti omosesswali?' Ix-xhud qal 'Ma nirrispondix.'

Ix-xhud rega' wera li ma riedx jirrispondi din il-mistoqsija għax huwa qal 'Qed jipprova jeħodli minn rasi li jiena ser nammetti li jiena omosesswali.' Il-Qorti hawn hekk reġgħet talbet lix-xhud sabiex jirrispondi l-mistoqsija pero x-xhud baqa' ma rrispondiex a fol 28. Id-difiża baqgħet tinsisti jekk dak li kien qal l-ispettur kienx il-mod kif dan ix-xhud jipprova jagħmel avvanzi fuq ħaddiehor u x-xhud qal 'Mhux veru Sur Maġistrat.'

Xehed Dr. Gruppetta t-tabib li qal li l-vittma kellu laċerazzjoni ta' 1.5 cm fuq in-naħa tal-lemin ta' għajnu u

kien hemm tbenġila fuq in-naħa tal-lemin l-istess. Kien hemm frattura tan-nasal bones flimkien ma tbenġil ukoll fuq l-imnieħer u tbenġila flimkien ma laċerazzjoni fuq ix-xoffa ta' madwar 0.5cm (fol 56).

Xehed PS Joseph Cremona li qal li għall-ħabta tas-6.00am tat-13 ta' Novembru 2004 kienet waslitlu telefonata mingħand persuna li talbet l-għajnuna għax qal li kien qed jiġi ffolowjat wara li kien qala' xebgħa. Kien kellem lil Joseph Cassar il-kwerelant li qal li fir-Red Square kien ħebb għalih persuna li hu ma kien għamillu assolutament xejn. Huma kienu sabu lil Sinclair MIfsud fil-lukanda. Sinclair Mifsud kien qallu illi kien ttantat minn Cassar u spjega liema partijiet pprova jaqbadlu dan Cassar. Spjega wkoll li kien qallu biex iħallieh u fl-aħħar tah daqqa ta' ponn. Fuq l-imputat kien hemm id-demm. (ara fol 52 li tigi parti mill-current incident report u x'qal l-imputat dwar dak li kien seħħ fir-Red Square Bar).

Xehed ukoll PC 787 Neville Bajada illi wkoll qal illi dak kollu li kien ġara fir-Red Square kif kien jaf hu u kif kienu sabu lil Sinclair Mifsud fl-Intercontinental. Huwa kkonferma wkoll li l-imputat kien qalilhom x'kien għamel Joseph Cassar (fol 54).

Xehdet ukoll Dr. Pace Balzan u din qalet illi Joseph Cassar ID 316363M qatt ma kienet ratu. Fil-fatt kienet ratu tabiba ohra li ma għadhiex l-isptar.

Xehed Dr Anthony Grixti Soler fol 79 fejn qal li kien ra lil Joseph Cassar li kien qala' daqqa ta ponn fi mnieħru fit-13 ta' Novembru 2004. Imnieħru kien imdawwar to the right u kien operah fl-1 ta' Dicembru 2004 biex irranġalu imnieħru. Imnieħru kien daqxejn mgħawweġ u kien għamel l-operazzjoni darbtejn. Huwa qal li fl-24 ta' Gunju 1987, fil-passat jiġifieri kien għamillu xi rhinoplasty. Dan jidher li kellu history ta' imnieħru u din kienet it-tielet darba. Jidher illi kellu problemi minn imnieħru kemm qabel ma ġara l-inċident kif wkoll wara. Meta dan il-kirurgu kien operah fl-1 ta' Dicembru 2004 dan kien operah wara trauma għax l-ewwel kien rranġalu imnieħru

surgeon ieħor u imbgħad operah wara trauma. Reġa kellu trauma u reġa kien operat (fol 81).

Fit-18 ta' Marzu 2008 xehed l-imputat nnifsu fejn inqratlu l-istqarrija li kien għamel lill-ispettur meta dan kien bagħat ghalih l-uffiċċju. L-imputat prattikament konferma l-istqarrija kollha li kien għamel dak iz-zmien.

**Ikkonsidrat**

Li dwar l-ewwel imputazzjoni ma hemm ebda kontestazzjoni li kien l-imputat li xejjer daqa ta' ponn u daqqiet ohra lil Joseph Cassar. L-imputat stess fl-istqarrija tieghu – li hu kkonferma bil-gurament – qal li li kien ta bil-ponn lil Joseph Cassar u li kien hafna demm fuq il-vittma. Il-vittma wkoll xehed fid-dettal ta' x'ghadda minnu kemm gewwa r-Red Square Bar kif ukoll barra.

L-offiza kienet gravi minnhabba li rrizulta ksur fl-imnieher skond ix-xhieda ta' Dr.Gruppetta u ta' Dr.Grixti Soler. Danna barra lacerazzjonijeit ohra li kien hemm fil-wicc ta' Joseph Cassar.

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Fortunato Sultana'[1] kienet qalet hekk:

*'Skond l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali l-ofiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tittikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imseha 'offiza gravissima' skond l-artikolu 218 (1)(b) tal-Kodici Kriminali.'*

Fil-fehma tal-Qorti dan l-insenjament jaqbel perfettament u ghandu jkun applikat ghall-fatti odjerni.

[1] 5 ta' Frar 1998 Imhallef l-Onor.Vincent Degaetano LL.D. Volum LXXXII. IV. 109

Ghaldaqstant, ghal dawk li huma provi l-Qorti qed tiddeciedi li l-Prosekuzzjoni gabet provi bizzejjed dwar l-ewwel imputazzjoni, b'mod partikolari li fir-Red Square Bar l-imputat kien g]amel offizi ta' natura gravi fuq l-allegat vittma.

Dwar it-tieni imputazzjoni – ksur tal-bon ordni – il-Qorti wkoll qed tiddeciedi li saret il-prova da parti tal-Prosekuzzjoni ghaliex l-imputat kien f'post pubbliku meta ta d-daqqiet lil Joseph Cassar u kompla jaghtih barra t-triq ukoll.

It-tielet imputazzjoni kienet ippruvata wkoll minhabba li l-Prosekuzzjoni pprezentat is-sentenza relevanti kif il-Prosekutur li kien responsabbli mill-Prosekuzzjoni kkonferma li l-imputat kien l-istess bniedem li kontra tieghu kienet inghatat is-sentenza.

Is-sottomissjoni tad-Difiza dwar il-Legittima Difeza.

**Id-difiza ssottomettiet li dan kien kaz fejn l-imputat kien ittantat ghal aktar minn darba meta l-imputat kien bi kwieta jizfen fid-Red Square Bar. L-imputat sahansitra kien iccaqlaq min fejn kien biex jevita lil Joseph Cassar izda dan xorta mar jittantah u missu f'certu partijiet ta' gismu tliet darbiet.**

Il-Qorti rat kemm lill-allegat vittma jixhed u qieset dak li kien stqarr l-imputa *a tempo vergine* kif ukoll dak li xehed quddiem il-Qorti.

Il-Qorti ma kienet konvinta xejn dwar kif xehed l-allegat vittma meta kien mistoqsi dwar l-orjentament sesswali tieghu kif ukoll kif kien soltu javvicina lil persuni ohra. Qieset ukoll certa frazijiet li qal l-allegat vittma dwar x'kien garalu f'hajtu.

Ghalkemm l-allegat vittma cahad li hu kien ta fastidju lill-imputat, il-Qorti ghandha quddiemha xhieda konvincenti bizzejjed li turi li l-allegat vittma kien ta fastidju lill-imputat

u c-cahda ta’ l-allegat vittma mhix qed titqies bhala veritjiera.

Skond is-subtitolu III tat-Titolu VIII tal-Kap 9 intitolat ‘Fuq l-Omicidji u l-Offizi fuq il-persuna mhux imputabbli’ u l-artikoli 223 u 224 jipprovdi kif gej:

‘223. Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnai jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita’ legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta’ wiehed innifsu jew hadd iehor.

‘224. Jidhlu that il-kazijeit ta’ bzonn attwali tad-difiza legittima daqwn li gejjin:

(a) omissis;

(b) omissis;

***(c) l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna jkunu mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza tal-kastita’ ta’ persuna nnifisha, jew ta’ persuna ohra.’***

Mill-provi jirrizulta li l-imputat waqqaf lill-allegat vittma tliet darbiet kif ukoll li resaq minn fejn kien. L-allegat vittma xorta rega’ mar fuq l-imputat u rega’ misslu l-partijiet privati tieghu. Kien biss wara li l-allegat vittma mess il-partijiet privati ta’ l-imputat ghat-tielet darba li l-imputat ‘intilef.’

**Il-Legittima difesa fid-duttina**

**Il-Ligi Maltija**

Skond in-Noti tal-Professur Sir Anthony Mamo[2];

‘The law imposes certain conditions…..The evil threatened must be:

(1) Unjust;

[2] Part 1 pagina 103

(2) Grave;
(3) Inevitable

**Unjust**

This requirement fails, for instance, when the evil threatened is lawful, that is, commanded or permitted by law;

**Grave**

The act of defence must have been done in order to avoid consequences which, if they had followed, would have inflicted 'irreparable' evil; and the law considers as irreparable and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual……The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the mans at the disposal of the agent.

**Inevitable.**

The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. If the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. It must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge. The danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment, danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment, it could not be averted by other means. [However] in deciding whether there was actual necessity of self-defence, the test should be subjective. Finally the means adopted must be proportionate. …..**Here again regard must above all be had to the state of mind of the victim of the aggression.'**
**Il-Kummentarji Taljani**

Dwar id-difiza legittima, l-Antolisei jghid li :

(a) ‘il pericolo dev’essere attuale, e cioe’ si richiede che la probabilita’ dell’evento temuto sussita nel momento del fatto.’
(b) Oggetto del pericolo deve essere un danno grave alla persona. Per ‘danno alla persona’ secondo alcuni autori si intende solo il danno alla vita e all’integrita’ fisica ma la limitazione non e giustificata da alcun plausibile motivo. Anche I beni della liberta’ fisica e morale, dell’inviolabilita’ sessuale, del pudore e dell’onore riguardano direttamente la persona e, percio’, possono essere preservati medinte fatti che di regola costituiscono reato.’

Omissis

Occorre, inoltre, che l’azionen lesiva sia proporzionata al pericolo. Il danno recato, quindi, potra’ essere mionore, ma giammai maggiore (salva la relativita’ inerente a simili giudizi) di quello minacciato.’[3]

**Il-Pozizzjoni Ingliza**

Skond l-Archbold:

‘The classic pronouncement upon the law relating to self-defence is that of the Privy Council in ‘Palmer versu R.[1971] A.C. 814, approved and followed by the Court of Appeal in R verus McInnes 55 Cr.App.R.551. Lord Morris delivering the judgment of he Borad said:

‘It is both good law and good sense that a man who is attacked may defend himself. It is both good law and common sense that he may do, but may only do, what is reasonably necessary. But everything will depend upon the particular facts and circumstances. It may in some cases be only sensible and clearly possible to take some simple avoiding action. Some attacks my be serious and dangerous. Others may not be. If there is some relatively

[3] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale pagni 265-267

minor attack, it would not be common sense to permit some act of retaliation which was wholly out of proportion to the necessities of the situation. If an attack is serious so that it puts someone in immediate peril , then immediate defensive action may be necessary***………..If there has been an attack so that defence is reasonably necessary, it will be recognized that a person defending himself cannot weigh to a nicety the exact measure of his defensive action.***

Omissis

The old rule of law that a man attacked must retreat as far as he can has disappeared.’[4]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

L-ewwelnett li l-Kodici Taljan, li m’ghandux espressament imsemmijaizadifiza tal-kastita’ xorta qed ikollu kummentaturi li jestendu din id-difiza ghall-kazi ta’ fejn il-kastita’ hija minaccjata.

It-tieni, il-Ligi taghna ma tiddistingwix bejn tentattiv ghall-kastita’ ta’ ragel jew ta’ mara.

It-tielet, il-Qorti hija konvinta li l-allegat vittma kien taht l-influwenza tax-xorb minhabba dak li ammeta li xorob huwa stress kif ukoll minhabba d-deskrizzjoni moghtija ta’ kif kien jidher mill-istqarrija ta’ l-imputat.

Ir-raba’, fil-fehma tal-Qorti, l-imputat ma rreagiex mill-ewwel bil-goff izda meta kien ripetutament avvicinat mill-allegat vittma. L-avvicinament:

kien ingust ghaliex mhux sanzjonat bil-ligi;
kien gravi ghaliex kien tentattiv fuq il-kastita’ ta’ l-imputat u t-tentattiv kien ripetut; kien inevitabbli ghaliex l-imputat

[4] Archbold – Criminal Pleading Evidence and Practice – 2003 Sweet and Maxwell. Pages 1621 and 1622.

kellu fl-ahhar jieqaf biex l-allegat vittma ma jkomplix jaghtih fastidju. Anzi l-imputat ipprova jwarrab u xorta rega' safa fil-mira ta' l-allegat vittma;

Dwar il-proporzjonalita', id-duttrina kemm taghna, kemm it-Taljana kif ukoll Inglizdejjem kellha l-enfasi dwar kif jara l-imputat is-sitwazzjoni dak il-hin u li dan ma jistax jikkalkula 'to a nicety' (ara l-kumment aktar 'il fuq) sa fejn ghandu jasal.

Fid-dawl ta' l-evidenza migjuba mill-Prosekuzzjoni kif ukoll fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-Ligi taghna fl-artikolu 224 kif ukoll fid-dawl tad-duttrini tal-pajjizi li ghalihom saret riferenza hawn fuq il-Qorti qed tiddeciedi li r-reati imsemmija fl-ewwel imputazzjoni u fit-tieni mhumiex imputabbli ghall-imputat.

Konsegwentement qed tilliberah ukoll mit-tielet imputazzjoni.

**Konkluzjoni.**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 40, 216(1)(b), 338(dd), 223 u 224 tal-Kap 9, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------